Mario Gatt

# *Id-Dekorazzjoni tas-Saqaf u l-Iskultura tal-Knisja Parrokkjali*



Wara li nbena l-kampnar ta' Baker fl-1858, u nbniet il-faċċata l-ġdida tal-knisja imfassla minn Karlu Farrugia fil-bidu tas-seklu għoxrin, kien imiss li jissebbaħ l-intern tal-knisja. Bejn is-snin 1919 u 1931[1] saru l-iskultura u d-dekorazzjoni tas-saqaf. Ix-xogħol tad-disinn sar minn Karlu Farrugia[2], xogħol li għamel mingħajr ħlas ħlief għal xi spejjeż li sikwit kien jinħtieġ jagħmel fi vjaġġar bejn ir-raħal tal-Gudja u l-Belt Valletta għal xi konsultazzjoni.

Biex isir dak ix-xogħol kellha tinġabar somma flus mhux ħażin. Il-ġbir ta' flus mar-raħal tal-Gudja kien isir mill-prokuraturi tal-konfraternitajiet tal-Gudja u kkontrollati kull ġimgħa mill-kappillan. Għal dan il-għan ir-raħal kien tqassam fi tliet distretti[3] – l-ewwel distrett kien 'Distretto Conf. SS Rosario' – it-tieni kien 'Distretto Conf. Cintura' – u t-tielet 'Distretto Conf. SS Sacramento'.

Il-kappillan bl-għajnuna ta' voluntiera kien jorganizza lotterija fil-ġimgħa. L-oġġetti li jittellgħu kienu jvarjaw. Uħud mill-oġġetti li jissemmew kienu xi nofs lira fi flus, ċurkett tad-deheb, labra tad-deheb, par imsielet tad-deheb, tiġieġa, pakkett tabakk, ħaruf, bambin, libsa bil-fjuri, inkwatru, pastizzi u għanqud banana, soufle u żewġ fliexken xorb, inċirata, zokkor, statwa ta' Sant Antnin, għonnella tal-ħarir, żewġ qomos, dqiq, sigarri, qassatat, ġakketta tal-ħarir, flanella u ġakketta, żewġ flanelli ta' rġiel, salib ta' Ġerusalemm u oġġetti oħrajn ta' dak iż-żmien.

Żewġ premjijiet li mhux soltu nisimgħu bihom f'xi lotterija kienu għoġol u ħmar. Inxtraw £13 kull wieħed, u kienu l-premju fit-18 ta' Jannar 1920 u fit-12 ta' Mejju 1920 rispettivament. It-tnejn li kienu ħallew somma sabiħa ta' flus; mill-għoġol kien baqa' £70.10s.6d u l-ħmar ħalla £125.4s.8d[4].

**IL-KAPPILLAN KIEN KISEB IL-PERMESS MILL-AWTORITÀ EKKLEŻJASTIKA BIEX TIBDA TINHADEM IL-BIZZILLA NHAR TA' HADD[5].**

Kien hemm ukoll min offra x-xogħol tal-pastizzi b'risq ir-restawr tal-knisja. Din tal-pastizzi ma damitx wisq għaliex ma kinitx qed tħalli qligħ b'risq ir-restawr. Ix-xogħol u l-bejgħ tal-pastizzi kien beda fil-25 ta' Jannar 1920 u waqaf fis-7

1 A.P.G. Libro introito ed esito dei restauri fatti della chiesa parrocchiale e matrice Gudia 1919-1921. Registro dei restauri della chiesa parrocchiale di Gudia 1923-1931. Registro dei restauri della chiesa parrocchiale di Gudia 1923-1931.

2 A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.47-

3 A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.3-16. Reg. Dei Restauri Introito 1923-1931 fol.1-

4 A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.21-24, 121-122. Reg. Dei Restauri Introito 1923-1931 fol.55. Reg. Dei Restauri Esito 1923-1931 fol.11.

5 A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.31

ta' Marzu tal-istess sena. F'sitt ġimgħat dan ix-xogħol ħalla qligħ ta' £5.4s biss[6].

Kull mezz li kienu jaħsbu li jħalli xi dħul ta' flus, kienu jwettquh. Mezz minnhom kien li jinxtraw il-flieles u jitqassmu għand familji voluntieri biex irabbuhom mingħajr ħlas. Persuni oħra kienu joffru li jrabbu flieles minn tagħhom għal dan il-għan. Billi l-prezz tat-tiġieġ fis-suq kien baxx ħafna, kien deċiż li t-tiġieġ jibdew ikun l-premju ta' lotterija li ssir nhar ta' Ħadd. L-ammont ta' flieles għal dan l-iskop kien jaqbeż is-sitt mija[7].

Numru konsiderevoli ta' persuni kkontribwew għar-restawr b'għotjiet personali ta' flus iżda isimhom ma jidhirx. L-uniċi żewġ ismijiet li jidhru huma: Mikiel Ellul meta rebaħ l-għoġol, u Rosa Galdies li isimha jidher minħabba li l-kappillan kellu jagħmel xi dikjarazzjoni dwar il-kontijiet lill-assessur tal-Kurja.

L-uċuħ tar-raba' wkoll taw sehemhom. Mill-bejgħ tal-patata u s-silla nġabret is-somma ta' £21.11s.6d[8].

Punt interessanti huwa dak tal-karus li tqassam fil-ħwienet kollha tar-raħal tal-Gudja biex il-klijenti jitfgħu dik ix-xi ħaġa żgħira fihom. Fl-1919 fil-Gudja kien hawn għoxrin ħanut.

Kienu nġabru wkoll xi flus minn numru ta' benefatturi li kienu joħorġu sold fix-xahar bil-kundizzjoni li mill-istess fondi ssir quddiesa fix-xahar għall-benefatturi ħajjin u mejtin[9]. B'kollox kienet inġabret is-somma ta' £1164.15s.1d.

Ix-xogħol beda immedjatament meta bdew jinġabru l-fondi. Dan ix-xogħol kien ikopri l-iskultura, id-disinn u ż-żebgħa tat-troll tal-knisja, l-invjar tal-ħitan kollha, l-iskultura fil-gwarniċ u l-ġnub tal-altari laterali u r-restawr ta' tmien altari tal-irħam għaliex żewġ artali oħrajn, dak tal-Kunċizzjoni u dak tat-Tre Re, kienu rħamati ftit qabel, fl-1904 u fl-1919 bi spejjeż ta' Dun Pietru Farrugia.

Fil-fond tal-altari laterali tqiegħed l-irħam iswed u abjad, saret l-iskultura fil-gwarniċi li jduru mal-knisja kollha mill-iskulturi Fortunato Falzon[10] (fil-ġebla bejn l-1919 u l-1922), Antonio Agius[11] (fil-ġebla bejn l-1924 u l-1925) u Benjamin Caruana[12] (fl-injam bejn l-1926 u l-1927). Sar l-altar tal-kor mill-irħamatur Antonio Baldacchino[13] fl-1926; l-iskultur Liberato Borg[14] (bejn l-1919 u l-1921) ħadem il-perspettivi tar-Rużarju u tal-Kurċifiss, il-gwarniċa bil-mensli ta' taħt il-koppla, u t-trijangli bl-iskudett taħthom ta' bejn il-koppla u l-erba' pilastri maġġuri. Id-dekoratur Guseppi Muscat[15] ħa ħsieb id-direzzjoni u d-dekorazzjoni. Hu ħalla l-firma tiegħu bid-data ta' meta sar ix-xogħol fiż-zokklatura ta' taħt il-lunetta tal-evanġelista San Ġwann.

Fl-istess snin saru wkoll mill-ġdid it-twieqi kollha tal-knisja u tal-koppla. L-iskultur Benjamin Caruana, fl-1928, ħadem żewġ arkati kbar fl-injam u indurati għall-bibien tal-korsija.

Biex saret l-iskultura, il-bini kien jinħtieġlu ħafna bdil ta' ġebel jew żieda ta' ġebel ieħor. It-twieqi bil-koxox tagħhom dritti mal-kumplament tal-bini, inbidlulhom madwar mitejn pied ġebel ma' ġebel ikbar, biex fiż-żejjed tal-ġebla issir l-iskultura. Għal dan ix-xogħol, flimkien ma' dak li kien meħtieġ fil-perspettivi tar-Rużarju u tal-Kurċifiss, kienu impjegati sitta min-nies li bejniethom ħadmu 1200 jum. Il-ħlas kien ivarja skont is-sengħa. L-ogħla ħlas

6 Ibid. 1919-1921 fol.41, 131.

7 A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.51-52, 145. Reg. Dei Restauri Introito 1923-1931 fol.120. Reg. Dei Restauri Esito 1923-1931 fol.107.

8 A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.71.

9 A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.61, 131-141. Reg. Dei Restauri Introito 1923-1931 fol.49. Reg. Dei Restauri Esito 1923-1931 fol.1.

10 A.P.G. Reg. Dei Restauri Esito 1923-1931 fol.25-. A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.101-111

11 Ibid. 1923-1931 fol.25-. A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.101-111

12 Ibid.1923-1931 fol.25-. A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.101-111

13 Ibid. 1923-1931 fol.25-. A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.101-111

14 Ibid. 1923-1931 fol.25-. A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.101-111

15 Ibid. 1923-1931 fol.25-. A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.101-111

kien ta' erba' xelini kuljum u l-inqas kien ta' xelin u erba' soldi kuljum. Magħhom kien hemm impjegat ukoll tifel biex inewwel u jaqdi l-bżonnijiet. Dan ix-xogħol sar minn tlett itfal li bejniethom ħadmu 206 ijiem. Il-ħlas ta' dawn kien ta' tliet soldi (3d) kuljum, iżda meta wieħed minnhom wera li ser jibqa' jaħdem, ir-rata nbidlet għal erba' soldi kuljum[16].

Il-koppla wkoll kien jinħtiġilha żieda jew tibdil strutturali. Il-ġebel tal-mensli qam £3.16s.5d u l-ġebel għall-iskudetti ta' taħt l-evenġelisti qam £1.0s.10d. Dan ix-xogħol tħalla f'idejn il-bennej Ġakkinu Calleja u n-naġġar Duminku Ellul[17]. Ix-xogħol tal-injam li jżejjen il-koppla minn ġewwa qam £210, u l-iskultura u l-induratura li saru fis saqaf tal-korsija u tal-kappelluni qamu £1,700[18].

Ix-xogħol kien għaddej bla serħan, tant li f'Novembru, il-Kappillan taż-Żejtun kiteb ittra lill-Kappillan tal-Gudja fejn talbu biex lill-ħaddiema Żwieten iċedilhom il-jum tal-25, nhar Santa Katerina[19]. Kien hemm ukoll għadd konsiderevoli ta' jiem fejn ix-xogħol baqa' għaddej ukoll tard billejl fid-dawl tal-lampi tal-pitrolju.

L-entużjażmu, u xogħol bla serħan jitlob aktar attenzjoni; jekk le, xi diżgrazzja ma tonqosx bħalma ġrat fit-2 ta' Novembru 1919[20]. Mill-fond tar-restawr tħallas it-tabib u l-mediċini, inxtara l-ikel u tħallsu diversi attendenzi mediċi. Barra minn hekk, saret ġabra mar-raħal kif ukoll ġbir ieħor privat, u d-dħul tqassam lill-aktar tlieta minn-nies li kienu weġġgħu. Iżda għall-grazzja t'Alla fl-għaxar snin xogħol li kien għad baqa' xi jsir, kollox mexa sewwa u llum wieħed jista' jgawdi u jammira d-dekor xieraq fil-knisja parrokkjali tar-raħal tal-Gudja.





Ritratti: Ħajr lil Bertram Portelli

16 Ibid. 1923-1931 fol.25-. A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.101-111.
17 Ibid. 1923-1931 fol.25-. A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.101-111.
18 Tagħrif li jiena ksibt mingħand il-Kanonku Antonio Saliba, Gudja fl-1972.
19 A.P.G. Reg. Dei Restauri Esito 1923-1931 – ittra mehmuża f'dan ir-reġistru.
20 A.P.G. lib. Int. ed Esito Restauri 1919-1921 fol.161